

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

**PROVIŻORJU
2007/2024(INI)**

19.4.2007

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar ir-Reviżjoni tas-Suq Wieħed: negħilbu x-xkiel u l-ineffiċjenzi permezz ta' implimentazzjoni u infurzar aħjar
(2007/2024(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Eoin Ryan

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- A. billi 'Suq wieħed għaċ-ċittadini - Rapport Interim għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2007' jinnota li l-ħolqien ta' swieq finanzjarji pan-Ewropej iktar fil-fond, iżjed flessibbli u diversifikati, is-suq wieħed u l-munita unika flimkien itejbu l-kundizzjonijiet ta' l-iffinanzjar għaċ-ċittadini u n-negozji u jżidu l-flessibilità ta' l-UE għal xokkijiet finanzjarji esterni,
- B. billi l-istudji tal-Kummissjoni kkonkludew li swieq finanzjarji integrati għal kollox jistgħu, f'tul ta' żmien medju sa twil, inaqqsu l-ispiża tal-kapital għal kumpaniji ta' l-UE b'madwar 0.5 punti fil-mija; iwasslu għal żieda fil-GDP ta' 1.1% u żieda fil-livell ta' investiment ta' 6%; kif ukoll żieda ta' 0.8% fil-konsum privat; u jżidu l-livell ta' impjieg b'0.5%; filwaqt li jekk kumpaniji tal-manifattura ta' l-UE jkollhom l-istess aċċess għall-finanzi bħall-kumpaniji ta' l-Istati Uniti, huwa stmat li tkabbir tal-valur miżjud fl-immanifatturar ta' l-UE jista' jizjed b'0.75-0.94 fil-mija fuq bażi li tibqa' fit-tul,
 1. Jinnota li post-dħul fis-suq tal-kumpaniji ta' l-UE jista' jitjeb billi jiġu indirizzati, fost l-oħrajn permezz ta' strumenti leġiżlattivi, frontieri li baqgħu li jaffettwaw l-iżvilupp tal-kumpaniji, bħal ma huma s-swieq finanzjarji imperfetti li jwasslu għal possibilitajiet finanzjarji iżjed baxxi; spejjeż amministrattivi iżjed għoljin fiż-żmien tad-dħul li jaffettwaw it-tkabbir ta' kumpaniji fl-ewwel snin tagħhom; u restrizzjonijiet magħfusin ta' kiri u liċenzjar. Jisħaq ukoll l-importanza li jitneħħew l-ostakoli għall-ħolqien ta' Żona Waħda ta' Pagamenti, kif ukoll iżjed liberalizzazzjoni tas-swieq postali, filwaqt li jiġi żgurati l-iffinanzjar ta' servizz universali effiċjenti. Jitlob biex tingħata attenzjoni partikolari għat-tħeġġiġ tal-potenzjal ta' l-SMEs;
 2. Itenni li implimentazzjoni u infurzar aħjar tal-leġiżlazzjoni huma essenzjali biex jiġu provduti l-istabilità legali u l-prevedibilità bżonnjużi mill-konsumaturi u n-negozji fis-suq wieħed. Jisħaq li l-inizjattivi li ġejjin fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bl-imnut se jkunu fundamentali biex jippermettu iżjed liċ-ċittadini jibbenefikaw bis-sħiħ mis-suq intern;
 3. Jemmen li l-flessibilità ta' l-EMU se tkun komponent essenzjali tas-Suq Wieħed fis-Seklu 21, fost l-oħrajn permezz ta' swieq finanzjarji iżjed integrati u żviluppatti, ta' suq wieħed li jiffunzjona aħjar għas-servizzi kif ukoll ta' swieq tax-xogħol iżjed flessibbli.